MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2012

Numru 589/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis**
**Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**Kader Adam Outtara**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Kader Adam Outtara ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Kader u Madiara, imwieled Cote D'Ivoire fit-18 ta' Gunju 1978 u residenti "Leslie" Flat 2, Triq il-Venewwa, Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 39995(A), talli fid-29 ta' Mejju 2012 ghall-habta tas-14:00hrs gewwa l-Hanger Open Centre, limiti ta' Hal Far, Birzebbuga:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq is-Supretendent Sandro Gatt, l-Ispettur Kevin Pulis, PS879 Josef Galea, PC1399 Keith Schembri, PC190 Jesmond Farrugia, PC45 Alan Hayman, PC1321 Eman Hayman u PC1059 Joseph Abdilla, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza’ jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. Fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra is-Supretendent Sandro Gatt, l-Ispettur Kevin Pulis, PS879 Josef Galea, PC190 Jesmond Farrugia, PC45 Alan Hayman, PC1321 Eman Hayman u PC1059 Joseph Abdilla, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. Fl-istess data, lok u hin ikkaguna griehi ta’ natura hafif fuq is-Supretendent Sandro Gatt u PC1059 Joseph Abdilla, u dan skond kif iccertifika Dr. Edward Zammit M.D. Reg. 2889, mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid u fuq PS879 Josef Galea u PC1399 Keith Schembri, u dan skond kif iccertifika Dr. J. C. Abela M.D. Reg. 2536;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, glied jew mod iehor;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

6. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi rrifjuta li jaghti lill-istess ufficjal pubbliku imsemmi li hu inkarigat minn

servizz pubbliku waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u il-partikolarijiet l-ohra;

7. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Khadra Aabi Abdi biza' li ser tintuza vjolenza kontriha u t-tifla taghha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se jikkagunalha biza;

8. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi arresta, zamm jew issekwestra lil Najma Deeqa Aabi kontra l-volontà taggha.

U talli fit-30 ta' Mejju 2012 gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq, Zurrieq:

9. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorità kompetenti.

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex barra l-piena stabbilita ghar-reati addebitati lill-imputat tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà tal-Pulizija involuti;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjali Prosekuturi u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Rat illi l-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu;

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat li a tenur ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista’ tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta’ l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta’ l-istess akkuzi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. In oltre hadet in konsiderazzjoni l-fatt ukoll hemm l-assorbiment bejn l-ewwel u t-tielet akkuzi u li l-istess zewg akkuzi flimkien mar-raba’, il-hames u s-sitt akkuzi huma assorbiti fit-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, u li is-seba’ akkuza hija assorbita fit-tmien akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 31, 86, 95, 96(a), 221(1), 222, 251B, 338(g), 338(dd), 338(ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal disa’ (9) xhur prigunerija effettiva.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------